9 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 67**

**It-Tnejn, 19 ta' Ġunju 2023**

Il-Laqgħa numru 67 saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta 23 ta' Mejju 2023 fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |
| Is-Sa Roberta Sultana | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**:

| | |
|---|---|
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

**67.1 Qari tal-ittri t'apoloġiji**

F'din il-laqgħa is-Sindku informa lill-membri li s-Sa Courtney Farrugia mhux ser tkun preżenti minħabba raġunijiet personali.

**67.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.**

**67.2.1 Approvazzjoni tal-Minuti**

Minuti tal-laqgħa 65 ġew approvati unanimament.

**67.2.2 Korrezzjonijiet**

67.2.2.1 Minuta 65.3.2 – flokk "k-fatt" issir "l-fatt"
67.2.2.2 Minuta 65.3.5 – flokk "kineet" issir "kienet"
67.2.2.2 Minuta 65.3.5 – flokk "ħseib" issir "ħsieb"

**67.3 Punti mqajjma mill-minuti**

**67.3.1** Minuta 65.5.10 – Is-Sindku informa lill-membri li fuq it-talba tas-Sur Licari minħabba li kien saq minn fuq ħofra li ma kienitx tidher fid-dlam bil-konsegwenza li tnejn mit-tyres tal-karozza tiegħu tqattgħu u nfaqgħu, l-Kunsill ivverifika mal-insurance tal-Kunsill fejn l-istess insurance ma kienetx f'pożizzjoni li tkopri l-ispiża. Minn naħa tal-avukat tal-Kunsill, infurmana li l-Kunsill huwa liable għall-ħsarat li ġarbet il-vettura. Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil li l-Kunsill iħallas il-€1k.

Is-Sindku ppropona u s-Sa Roberta Sultana ssekondat filwaqt li l-membri qablu unanimament sabiex il-Kunsill iħallas €1K.

**67.3.2** Minuta 65.6.2 - Is-Sindku informa lill-membri li l-ħamrija sabiex tiżdied fil-konok ġiet ordnata apparti minn hekk is-Sindku qal li inġabret il-kwotazzjoni sabiex jinqalgħu is-sigar li hemm fi Triq il-Kbira San Ġużepp fejn l-ispiza ser tkun bejn €100 u €50 għal kull siġra.

Is-Sindku qal ukoll li hemm madwar 40 konka – 5 żebbug, 27 tal-bżar, 8 vojta u 1 *pine*. Is-Sindku qal li ssuġġerewlu sabiex minflok jitħawlu siġar tal-ġandra. Ma dawn hemm ukoll is-siġar li hemm fil-viċinanzi tal-istitut t'Apap. Wara diskussjoni l-membri b'mod unanimu qablu sabiex ikunu mħawwla siġar taż-żebbuġ u dan wara li jinġiebu l-permessi kollha tal-ERA.

**67.3.3** Minuta 65.5.12 – Is-Sindku informa lill-membri li l-Fondazzjoni Nanniet Malta tixtieq li torganizza attivitajiet mal-Kunsill u għaldaqstant is-Sur Philip Chircop għandu jkun prezenti aktar tard f'din il-laqgħa sabiex jiddiskuti mal-membri tal-Kunsill.

**67.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**67.4.1** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment tal-Kunsill Lokali li wara li kienu saru l-intervisti mid-dipartiment kien hemm persuna waħda interessata għall-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv u għaldaqstant issa l-pass li jmiss hu li issir l-intervista mill-Kunsill.

**67.5 Rapporti / Korrispondenza**

**67.5.1** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat mingħand il-Fondazzjoni għall-Konservazzjoni tan-Naħla Maltija li hi rreġistrata mal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji (VO/2403) fejn qiegħda formalment bgħatet ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien ta' Speċi Protetti (Dikjarazzjoni ta' Speċi Nazzjonali), biex in-Naħla tal-għasel Maltija tiġi ddikjarat bħala l-Insett Nazzjonali.

Il-Membri qablu unanimament ma din l-inizzjattiva.

**67.5.2** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat mingħand il-Kumitat Festi Esterni Santa Venera fejn jixtieq li bħal ma sar dawn l-aħħar snin, terġa tingħalaq Triq il-Kbira San Ġużepp għal waqt l-armar u ż-żarmar tal-pedestalli u l-istatwi ta' l-istess triq. Il-karozzi tal-linja jkunu jistgħu jitħallew jgħaddu xorta waħda.

Id-dati huma fid-19 u l-21 ta' Lulju u fl-1 t'Awwissu, bejn il-5pm u l-10pm. Is-Sindku qal li l-Kunsill ikun irid ikopri l-ispiża tal-gwardjani lokali.

Wara diskussjoni kien hemm qbil sabiex l-imsemmija triq tingħalaq bejn is-6:00pm u il-10:00pm sabiex ma jkunx hemm inkonvenjent għas-sewwieqa.

**67.5.3** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat mingħand is-Segratarjat għall-Gvern Lokali għall-inizjattiva ta' tħawwil ta' siġra kommemorattiva li ser issir fix-xahar ta' Ottubru f'kull lokalità. F'dan ir-rigward jeħtieġu xi informazzjoni sabiex jordnaw is-siġar skont il-post fejn ser jiġu mħawwla.

Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu bejn il-membri sabiex din is-siġra titħawwel fi ġnien Romeo Romano nhar is-7 t'Ottubru 2023.

F'dan il-ħin is-Sindku talab sospensjoni tal-agenda sabiex is-Sur Philip Chircop mill-Fondazzjoni Nanniet Malta jkun jista' jgħamel l-intervent tiegħu mall-Membri preżenti.

Il-Membri qablu unanimament.

Is-Sur Chircop spjega fid-dettal ir-rwol tal-Fondazzjoni Nanniet Malta kemm lokalment kif ukoll internazzjonalment. Huwa kompla billi nforma lill-membri li qed isiru diversi laqgħat u attivatajiet lokalment bil-parteċipazzjoni tal-Kunsill Lokali sabiex b'hekk f'kull lokalita' tgħati l-importanza lin-nanniet li fis-socjeta' ta' llum għandhom rwol importanti fil-ħajja tal-familji Maltin. Is-Sur Chircop talab lill-Kunsill sabiex darba fix-xahar jagħmel użu mis-sala tal-Kunsill sabiex isiru laqgħat u attivitajiet għan-nanniet li jgħixu ġewwa Santa Venera. Ġie suġġerit sabiex dawn il-laqgħat jiskatta mit-Tnejn 5 ta' Ġunju 2023 u jsiru filgħaodu bejn 10:00am u 12:00pm.

Wara diskussjoni il-membri qablu ma dak li ġie propost mis-Sur Chircop f'isem il-Fondazzjoni Nanniet Malta.

**67.5.4** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva petizzjoni mingħand ir-residenti li joqgħodu fi Triq Romeo Romano sabiex issir sleeping police minħabba li qed ikun hemm sewqan eċċessiv.

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament sabiex issir applikazzjoni ma' Transport Malta.

**67.5.5** Is-Sindku informa lill-membri li r-Reġjun laqa' it-talba tal-Kunsill sabiex il-latrina l-ġdida li ser issir fi ġnien Romeo Romano tkun awtomatika u għaldaqstant il-Kunsill ser igawdi mill-fondi li kien applika għalihom. F'dan ir-rigward is-Sindku qal li għat-tender li l-kunsill kien ħareġ kien applika offerant wieħed iżda l-istess tender ma kienx fiha fl-ispeċifikazzjonijiet li din ser tkun waħda awtomatika. Għaldaqstant is-Sindku qal li ser issir laqgħa ma' dan l-offerant ħalli naraw ikunx interessat f'din it-talba.

Il-Membri qablu unanimament.

**67.5.6** Is-Sindku informa wkoll lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat li l-Kappillan kien ser jgħalaq 25 sena jqaddes u f'dan ir-rigward il-membri tal-KPP iddeċidew li

jorganizzaw xi ħaġa mingħajr ma jsir jaf hu u b'hekk qed jistiednu lill-Kunsill sabiex nhar is-Sibt 24 ta' Ġunju għall-quddiesa tas-6:30pm u wara niltaqgħu fuq iz-zuntier sabiex jinqasam cake tal-okkażżjoni.

**67.5.7** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva mingħand Care Malta fejn ser tkun organizzata Nazzarenu Vassallo Award fejn ser ikunu rikonoxxuti l-ħidma tal-anzjani fil-komunita. Wara diskussjoni l-membri qablu unaniment sabiex il-Kunsill jinnomina lis-Sur Stanley Spiteri li għas-sena 2023 kien ir-rebbieh taa' Ġieħ Santa Venera għall-ħidma tiegħu fost l-anzjani tal-lokalita.

**67.5.8** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva talba mingħand Santa Venera Lightnings fejn qed jitolbu no objection sabiex nhar l-Erbgħa 28 ta' Ġunju, 2023, il-Klabb jorganizza attivita' sajfija fi Triq il-Qalb Imqaddsa. Il-ħinijiet tal-għeluq tat-triq huma mill-4:00pm sa' 12:00am u qed jitlob sabiex it-triq ikollha l-parking clearance matul il-ġurnata.

Il-membri qablu unanimament u ma sabux oġġezzjoni ġaladarba t-triq ikun assistit mill-uffiċċjali tat-traffiku kif ukoll residenti jiġu notifikati permezz ta' ittra maħruġha mill-istess klabb.

**67.5.9** Is-Sindku informa lill-membri li l-printer inxtara u ntgħażlet l-irħas kwotazzjoni li kienet tal-Scan PC Options Ltd u l-ispiża ammontat għal €236.

**67.5.10** Is-Sindku informa lill-membri li *water dispenser* inxtrat u l-ispiża ġiet €240.

**67.5.11** Is-Sindku informa wkoll lill-membri dwar il-proposta sabiex jiżdiedu l-parkeġġi fiż-żona tal-Palazz l-Aħmar. Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil sabiex issir laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti ta' Blokka "A", Triq tal-Palazz l-Aħmar u r-residenti ta' Triq il-Batterija.

**67.5.12** Is-Sindku informa lill-membri li kien hemm talba mingħand is-Sur Owen Farrugia rapprezantat ta' Francis Busuttil & Sons Ltd sabiex jitwaħħlu *bollards* urġenti fil-kantunieri fi Trejqa tal-Ferrovija.

Wara diskussjoni bejn il-membri kien qbil unanimu sabiex minflok isiru *bollards* issir MC bay fil-kantuniera.

## 67.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 67.6.1 Rendikont Finanzjarju Jannar 2023 sa Marzu 2023

Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill li r-rendikont finanzjarju għadu ma kien lest għal din il-laqgħa minħabba l-fatt li kif kien ġie deċiż fl-aħħar laqgħa jibda juża Sage line 50 / Sage Cloud sabiex isiru l-postings u ma tintilifx l-ebda data.

F'dan ir-riward għadha qed issir il-*migration* ta' din id-*data* u għaldaqstant dan ir-rendikont għadu mhux lest.

### 67.6.2 Triq il-Kbira San Ġużepp - Żviluppi

Is-Sindku informa lill-membri li hemm bzonn li tittieħed deċiżjoni rigward il-parkeġġ taħt l-akkwadott. Is-Sindku qal li l-proposta tal-Perit ta' Infrastructure Malta kienet sabiex il-parkeġġ ma jsirx taħt l-akkwadott iżda jsir biswit u għaldaqstant it-triq jiġi jkollha parkeġġ fuq żewġ naħat.

Wara diskussjoni l-membri qablu sabiex ikunu infurmati Tranport Malta dwar din id-deċizjoni minħabba li ġaladarba it-Triq ser tidjieq jista' jkun hemm problemi fuq l-immanniġġar tat-traffiku.

Is-Sindku nforma wkoll lill-membri li residenti ta' Triq il-Kbira San Ġuzepp qed tkun cirkulata petizzjoni għall-fatt tal-ammont ta' parkeġġi li ntilfu minħabba l-iżvilupp li sar. Is-Sindku qal li kien ser jikkordina laqgħa mas-CEO ta' Infrastructure Malta sabiex tikun diskussa din il-materja.

**67.7 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti**

**67.7.1** L-Iskeda tal-pagamenti Nru 412 u Petty Cash ġew diskussi u approvati.

Skeda ta' pagamenti u Petty cash: Proponent: Is-Sur Joe Vella u Sekondant: Is-Sur Kursten Dimech.

**67.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati**

F'din il-laqgħa ma kienx hemm minuti preżentati.

**67.9 Lista ta' Ilmenti**

**67.9.1** Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti segwenti

| | |
|---|---|
| 138 | Irid ikollna petizzjoni minn dawk ir-residentti affettwati |
| 140 | Ma tistax issir |
| 143 | Iridu jinbidlu |
| 144 | Ħaddiema Assenjati |
| 145 | Work Order Grima & Sons |
| 148 | Transport Malta |
| 149 | Issir Talba lil Transport Malta |
| 151 | Ikun hemm ritratti ta' fejn eżatt |
| 152 | Contracts Manager |
| 153 | Xogħol sar minn Infrastructure Malta – ikun speċifikat liema blokka |
| 154 | Contracts Manager |
| 155 | Korrispondenza |
| 156 | Contracts Manager |
| 157 | Ħaddiema Assenjati |
| 158 | Ħaddiema Assenjati |
| 159 | Ħaddiema Assenjati |
| 160 | Ħaddiema Assenjati |

| | |
|---|---|
| 161 | Ħaddiema Assenjati |
| 162 | Ħaddiema Assenjati |
| 163 | Ħaddiema Assenjati |
| 164 | Ħaddiema Assenjati |
| 165 | Ħaddiema Assenjati/GO plc |
| 166 | Transport Malta |
| 167 | Transport Malta |
| 168 | Work Order Grima & Sons |
| 169 | Work Order Grima & Sons |

## 67.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fit-8:30pm u ġiet aġġornata għad-19 ta' Ġunju 2023, fil-5.30pm.

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Konfermati, illum 19 ta' Ġunju, 2023